# B'Għaqal u B'Serjetà Biss
# Nirbħu l-Maltemp

Ministeru tal-Finanzi,
l-Ekonomija u Investiment

# L-ekonomija dinjija

## GDP reali

| Stat Membru | 2010 Attwali | 2011 Previst | 2012 Previst | Stat Membru | 2010 Attwali | 2011 Previst | 2012 Previst |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| EU27 | 1.6 | 1.6 | 0.6 | Irlanda | -0.6 | 1.1 | 1.1 |
| EA17 | - | 1.5 | 0.5 | Italja | 1.1 | 0.5 | 0.1 |
| | | | | Latvja | 0.4 | 4.5 | 2.5 |
| Awstrija | 2.0 | 2.0 | 0.9 | Litwanja | 3.1 | 6.1 | 3.4 |
| Belġju | 1.4 | 2.2 | 0.9 | Lussemburgu | 0.8 | 1.6 | 1.0 |
| Bulgarija | 0.8 | 2.2 | 2.3 | Malta | 2.2 | 2.1 | 1.3 |
| Ċipru | 0.7 | 0.3 | 0.0 | Olanda | 1.2 | 1.8 | 0.5 |
| Repubblika Ċeka | 2.5 | 1.8 | 0.7 | Polonja | 3.9 | 2.4 | 2.8 |
| Danimarka | 1.3 | 1.2 | 1.4 | Portugall | 1.3 | -1.9 | -3.0 |
| Estonja | 2.3 | 8.0 | 3.2 | Rumanija | -1.7 | 2.1 | 3.4 |
| Finlandja | 3.2 | 3.1 | 1.4 | Slovenja | 4.0 | 2.9 | 1.1 |
| Franza | 0.9 | 1.6 | 0.6 | Slovakkja | 1.0 | 1.1 | 1.0 |
| Ġermanja | 3.8 | 2.9 | 0.8 | Spanja | -0.4 | 0.7 | 0.7 |
| Greċja | -3.7 | -5.5 | -2.8 | Svezja | 4.7 | 4.0 | 1.4 |
| Ungerija | 1.5 | 1.4 | 0.5 | Renju Unit | 1.4 | 0.7 | 0.6 |

Sors: Eurostat

# L-ekonomija dinjija

## Żieda fil-GDP bħala % fuq l-istess kwart fis-sena ta' qabel

| Stat Membru | 2010 Q3 | 2010 Q4 | 2011 Q1 | 2011 Q2 | Stat Membru | 2010 Q3 | 2010 Q4 | 2011 Q1 | 2011 Q2 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| EU27 | 2.3 | 2.1 | 2.4 | 1.7 | Irlanda | 0.1 | - | - | - |
| EA17 | 2.0 | 2.0 | 2.4 | 1.6 | Italja | 1.4 | 1.5 | 1.0 | 0.8 |
| | | | | | Latvja | 2.6 | 3.5 | 3.4 | 5.7 |
| Awstrija | 2.8 | 3.3 | 3.9 | 4.1 | Litwanja | 1.6 | 4.6 | 6.8 | 6.2 |
| Belġju | 2.0 | 2.1 | 3.0 | 2.5 | Lussemburgu | 2.3 | 5.7 | 4.9 | - |
| Bulgarija | 0.0 | 3.7 | 3.3 | 2.0 | Malta | 2.5 | 3.6 | 2.2 | 2.8 |
| Ċipru | 2.0 | 2.5 | 1.6 | 1.4 | Olanda | 1.8 | 2.3 | 2.8 | 1.5 |
| Repubblika Ċeka | 2.6 | 2.7 | 2.8 | 2.4 | Polonja | 4.6 | 3.9 | 4.4 | 4.5 |
| Danimarka | 3.2 | 2.6 | 1.9 | 1.9 | Portugall | 1.2 | 1.0 | -0.6 | -0.9 |
| Estonja | 5.0 | 6.7 | 8.5 | 8.4 | Rumanija | -2.1 | -0.6 | 0.3 | 0.3 |
| Finlandja | 3.5 | 5.4 | 4.8 | 2.7 | Slovenja | 4.0 | 3.3 | 3.5 | 3.5 |
| Franza | 1.6 | 1.4 | 2.1 | 1.6 | Slovakkja | 1.5 | 2.2 | 2.1 | 1.0 |
| Ġermanja | 4.0 | 3.8 | 4.6 | 2.8 | Spanja | 0.2 | 0.6 | 0.9 | 0.7 |
| Greċja | -4.1 | -7.4 | -5.5 | - | Svezja | 6.6 | 7.6 | 6.4 | 5.3 |
| Ungerija | 2.4 | 2.4 | 1.6 | 1.2 | Renju Unit | 2.5 | 1.5 | 1.6 | 0.7 |

Sors: Eurostat

# L-ekonomija dinjija

## Żieda fil-GDP bħala % fuq l-istess kwart fis-sena ta' qabel




Sors: Eurostat

# Kummerċ internazzjonali

## Importazzjoni u esportazzjoni




Sors: Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika – Ċifri kollha f'€ '000,000

# Impjiegi

## Persuni jaħdmu bi qliegħ




Sors: Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

# Impjiegi

## Persuni jaħdmu bi qliegħ

| Settur | 2008 Diċ | 2009 Diċ | 2010 Diċ | 2011 Mej |
|---|---|---|---|---|
| Agrikoltura, kaċċa, sajd, trobbija tal-ħut u servizzi relatati | 3,006 | 2,355 | 2,365 | 2,348 |
| Manifattura | 22,847 | 20,631 | 21,040 | 21,185 |
| Elettriku, gass u provvista tal-ilma | 2,976 | 2,737 | 2,684 | 2,655 |
| Kostruzzjoni | 12,219 | 12,359 | 11,949 | 12,102 |
| Bejgħ bil-Grossa u bl-Imnut | 21,891 | 22,282 | 22,358 | 22,337 |
| Lukandi u Ristoranti | 10,132 | 9,339 | 9,310 | 9,501 |
| Trasport, ħażna u kKomunikazzjoni | 11,088 | 11,109 | 11,270 | 11,266 |
| Intermedjarji finanzjarji | 5,629 | 6,097 | 6,300 | 6,407 |
| Propjeta, kirjiet u attivitajiet ta' negozju | 13,498 | 14,444 | 15,813 | 16,144 |
| Settur pubbliku u difiza | 10,870 | 11,023 | 10,742 | 10,840 |
| Edukazzjoni | 12,437 | 12,741 | 12,945 | 12,995 |
| Saħħa, *social work*, xogħol fil-komunita u servizzi oħra | 17,481 | 18,100 | 18,949 | 19,563 |
| Oħrajn | 1,379 | 1,230 | 1,221 | 1,203 |
| **Total** | **145,453** | **144,447** | **146,946** | **148,546** |

Sors: Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

# Impjiegi

## Persuni jaħdmu bi qliegħ (Mejju 2011)




Sors: Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

# Ħolqien ta' xogħol

## Settur privat u pubbliku




Sors: Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

# Ħolqien ta' xogħol

## Vacancies u redundancies




Sors: Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

# Ħolqien ta’ xogħol

## Persuni li għadhom jaħdmu wara li laħqu l-eta tal-pensjoni




Sors: Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

# Ħolqien ta' xogħol

## Nisa jirritornaw lura fid-dinja tax-xogħol



# L-ekonomija dinjija

## Rati ta' qgħad




Sors: Eurostat

# Flus fl-idejn u depożiti




Sors: Bank Ċentrali ta' Malta – Ċifri kollha f' € '000,000

# Inflazzjoni

## Retail price index




Sors: Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

# Studenti

## Higher Secondary, Junior College, ITS, Mcast, University



# Turiżmu

## Wasliet u ijieli (Jannar – Settembru)




Sors: Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

# Turiżmu

## Infieq




Sors: Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

# Rata ta' taxxa fuq ix-xogħol - 2009

## Imqabbla mal-istati membri tal-UE




Sors: Kummissjoni Ewropea

# Il-Qagħda Finanzjarja

# Estimi finanzjarji

## Dejn pubbliku



# Estimi finanzjarji

## Deficit



# Estimi finanzjarji

## Fond konsolidat

| | 2010 Attwali | 2011 Approvat | 2011 Rivedut | 2012 Previst |
|---|---|---|---|---|
| **Dħul Rikurrent Totali** | **2,525,356** | **2,791,700** | **2,695,734** | **2,961,000** |
| Dħul Taxxabbli | 2,242,531 | 2,393,370 | 2,383,798 | 2,541,850 |
| Dħul Ieħor | 282,825 | 398,330 | 311,936 | 419,150 |
| **Nefqa Rikurrenti Totali** | **2,493,097** | **2,547,222** | **2,588,327** | **2,680,900** |
| Rikorrent | 2,296,342 | 2,338,726 | 2,374,723 | 2,450,295 |
| Interessi | 196,755 | 208,496 | 213,604 | 230,605 |
| **Bilanċ Rikurrenti** | **32,259** | **244,478** | **107,407** | **280,100** |
| Nefqa Kapitali Totali | 311,470 | 440,024 | 303,005 | 425,327 |
| **Nefqa Globali** | **2,804,567** | **2,987,246** | **2,891,332** | **3,106,227** |
| **Żbilanċ** | **(279,211)** | **(195,546)** | **(195,598)** | **(145,227)** |
| Aġġustamenti E.S.A. 95 | 56,988 | 13,913 | 13,913 | (8,673) |
| **Żbilanċ tal-Gvern Estiż** | **(222,223)** | **(181,633)** | **(181,685)** | **(153,900)** |
| Prodott Gross Domestiku | 6,163,650 | 6,478,000 | 6,465,700 | 6,776,000 |
| **% Żbilanċ għall-PGD** | **-3.61%** | **-2.80%** | **-2.81%** | **-2.27** |

Ċifri kollha f' € '000

# Dħul

## Dħul taxxabbli

| | 2011 Approvat | 2012 Previst | Varjazzjoni (Prev2012-Riv2011) | Varjazzjoni (Prev2012-Riv2011) |
|---|---|---|---|---|
| Taxxa fuq id-Dħul | 821,400 | 850,000 | 28,600 | 3.48% |
| Sigurta' Soċjali | 586,175 | 632,000 | 45,825 | 7.82% |
| **Taxxi Diretti** | **1,407,575** | **1,482,000** | **74,425** | **5.29%** |
| Dwana u Sisa | 208,545 | 215,000 | 6,455 | 3.10% |
| Liċenzi u Taxxi Oħra | 239,025 | 250,000 | 10,975 | 4.59% |
| V.A.T. | 538,225 | 579,000 | 40,775 | 7.58% |
| **Taxxi Indiretti** | **985,795** | **1,044,000** | **58,205** | **5.90%** |
| **Total Dħul Taxxabbli** | **2,393,370** | **2,526,000** | **132,630** | **5.54%** |

Ċifri kollha f' € '000

# Dħul

## Dħul ieħor

| | 2011 Approvat | 2012 Previst | Varjazzjoni (Prev2012-Riv2011) | Varjazzjoni (Prev2012-Riv2011) |
|---|---|---|---|---|
| Drittijiet ta' Uffiċċju | 38,654 | 39,015 | 361 | 0.93% |
| Ħlas lura lid-Dipartimenti | 28,832 | 30,320 | 1,488 | 5.16% |
| Korporazzjonijiet Pubbliċi | 815 | 815 | 0 | 0.00% |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 45,000 | 46,000 | 1,000 | 2.22% |
| Kirjiet tal-Gvern | 28,775 | 26,460 | -2,315 | -8.05% |
| Dividendi | 12,500 | 19,700 | 7,200 | 57.60% |
| Interessi | 1,757 | 8,529 | 6,772 | 385.43% |
| Kontribuzzjonijiet mill-UE | 221,924 | 193,898 | -28,026 | -12.63% |
| Dħul Ieħor | 20,073 | 56,371 | 36,298 | 180.83% |
| **Total Dħul Ieħor** | **398,330** | **421,108** | **22,778** | **5.72%** |

Ċifri kollha f' € '000

# Infieq

## Rikurrenti u kapitali

| | 2011 Approvat | 2012 Previst | Varjazzjoni (Prev2012-Riv2011) | Varjazzjoni (Prev2012-Riv2011) |
|---|---|---|---|---|
| Salarji | 581,956 | 609,123 | 27,167 | 4.67% |
| Spejjeż Operattivi | 107,628 | 117,042 | 9,414 | 8.75% |
| Programmi u Inizjattivi | 1,444,472 | 1,490,898 | 46,426 | 3.21% |
| Entitajiet Pubbliċi | 204,670 | 229,120 | 24,450 | 11.95% |
| **Total Rikurrenti** | **2,338,726** | **2,446,183** | **107,457** | **4.59%** |
| | | | | |
| **Total Nefqa Kapitali** | **446,124** | **450,347** | **4,223** | **0.95%** |

Ċifri kollha f' € '000

# Baġit 2012

# Baġit 2012

## Għanijiet

- Stabbilita' ekonomika u finanzjarja biex nibqgħu nattiraw l-investiment, inkattru l-postijiet tax-xogħol u nsostnu l-qafas soċjali.
- Ninvestu b'għaqal f'inizjattivi li jkabbru l-attivita ekonomika ta' pajjiżna u joħolqu x-xogħol.
- Insostnu l-programm estensiv fl-infrastruttura, l-enerġija u l-ambjent.
- Ninvestu aktar fl-edukazzjoni u taħriġ.
- Baġit li jirrispondi għall-ħtiġijiet tal-familji, l-anzjani u l-faxex tas-soċjetà l-aktar vulnerabbli.

# L-ekonomija Maltija u l-qagħda internazzjonali

## Il-qagħda finanzjarja

- Il-livelli ta' deficit u dejn ta' pajjiżna huwa baxx meta mqabbel ma dawk ta' sħabna fl-Unjoni Ewropea iżda xorta pajjiżna għadu taħt il-proċedura ta' deficit eċċessiv.
- Il-Gvern huwa kommess li sa l-aħħar ta' din is-sena jniżżel id-deficit ta' pajjiżna għal 2.8% tal-prodott domestiku gross. Għall-2012, il-Gvern qed jipprevedi żbilanċ ta' 2.27%.
- Dan għandu jagħti sinjal importanti ta' serħan il-moħħ lil min irid jivesti u joħloq ix-xogħol f'pajjiżna.
- L-investiment kapitali mistenni jkun ta' €425.3 miljun.
- Id-dejn tal-Gvern mistenni jkun 68.9% tal-prodott domestiku gross.

# L-ekonomija Maltija u l-qagħda internazzjonali

## Il-qagħda ekonomika

- Fl-2012, it-tkabbir ekonomiku mistenni jkun ta' 2.8%.
- Il-qgħad huwa 6.5%, 3 punti perċentwali anqas mill-medja fl-Unjoni Ewropea.
- L-inflazzjoni mistennija tilħaq 2.1%
- Iż-żieda għall-għoli tal-ħajja, ikkalkulata skont il-mekkaniżmu maqbul mal-imsieħba soċjali, ser tkun ta' €4.66 fil-ġimgħa.

# Xogħol, Intrapriża, Turiżmu

## L-Industrija u tkabbir ekonomiku

- Żieda fil-vot tal-**inċentivi għall-industrija** għal **€14.2 miljun** biex nattiraw aktar investiment barrani u ngħinu lill-intrapriża Maltija tespandi n-negozju tagħha. Madwar 2,000 kumpanija kull sena gawdew madwar €197 miljun f'inċentivi f'dawn l-aħħar tliet snin.

- **Inċentivi fiskali** b'vot ta' **€3 miljun** fuq tliet snin għal dawk l-industriji li jikkonsmaw 'il fuq minn 2Gwhr fis-sena u li jinvestu fi proċessi ta' konservazzjoni u impjanti ta' ġenerazzjoni ta' **enerġija minn sorsi nodfa**.

- Beda x-xogħol fuq il-**BioMalta Campus**, b'investiment ta' **€30 miljun** fis-settur tal-farmaċewtika u x-xjenzi relatati mal-ħajja.

- Twaqqfet il-**Fondazzjoni BioMalta** biex **tattira investiment** barrani ġdid fil-BioMalta Campus.

# Xogħol, Intrapriża, Turiżmu

## L-Industrija u tkabbir ekonomiku

- Il-kumpanija Sultan Scientific se tkun qed taħdem mal-Malta Enterprise fuq it-twaqqif ta' **Fond ta' Investiment Privat** (Global Medi-Science Fund ta' **€200 miljun**) ibbażat f'Malta li ser jinvesti fi proġetti li ser jistabbilixxu ruħhom fil-BioMalta Campus jew proġetti bi sħab fuq livell internazzjonali.

- Investiment f'żoni industrijali ta' kwalita' ogħla: ikompli l-**upgrading taż-żoni industrijali** ta' Bulebel u Ħal-Far b'investiment ta' **€16.7 miljun**.

- Is-**service charge** għaż-żoni industrijali tniżżlet għal **€3.50 kull-metru kwadru** li ser tmur għand il-management taż-żona industrijali li jirrispondi lit-*tenants association*.

- **Inċentivi fiskali** biex nattiraw aktar **riżorsi umani ta' kwalita** billi nestendi l-inċentivi li s'issa jgħoddu għas-settur finanzjarju u tal-*gaming*, għal:

  - **Maltin** li għamlu **karriera ta' kalibru** barra minn pajjiżna u li jixtiequ **jiġu lura f'Malta** f'oqsma industrijali importanti;
  - **Ħaddiema barranin** ta' livell u ħiliet għoljin u li huma **meħtieġa għal setturi industrijali**;
  - Persuni li jridu jagħmlu **riċerka**, jikkumerċjalizzaw xi invenzjoni jew teknoloġija **f'Malta**.

# Xogħol, Intrapriża, Turiżmu

## L-Innovazzjoni l-mutur tat-tkabbir ekonomiku

- **Kampanja ta' għarfien**, b'nefqa ta' €250,000 dwar l-innovazzjoni bl-għan li aktar sidien tan-negozji jifhmu l-**vantaġġi tal-innovazzjoni** biex ikabbru n-negozju.
- Żieda tal-**fond tar-riċerka** tal-MCST għal **€1.6 miljun**.
- **Fond ġdid** għall-internazzjonalizzazzjoni tar-**riċerka u l-innovazzjoni**.
- Fondi biex **ngħinu r-riċerkaturi** tagħna jipparteċipaw fil-**programm FP7 tal-UE**.
- **Investiment** ta' €3.5 miljun f'**Ċentru Interattiv tax-Xjenza**.

# Xogħol, Intrapriża, Turiżmu

## Investiment akbar fis-settur tan-negozji żgħar u medji

- It-tnaqqis mit-taxxa għas-sidien tan-negozji, permezz tal-**MicroInvest u li tipprovdi tax credit fuq 40% tal-investiment**, se jiġi **estiż għal sena oħra**. S'issa aktar minn 700 negozju investew €11 miljun u ħolqu 300 impjieg ġdid.

- **€20 miljun f'garanziji** sabiex jingħataw garanziji bankarji fuq self għall-intrapriżi, eżistenti jew ġodda u vijabbli li għandhom bżonn il-kapital biex jinvestu u jaħdmu. Il-**MicroGuarantee Scheme**:

  - Ser tkun applikabbli għal intraprizi li **jħaddmu sa 20 persuni**;
  - Ser tkun applikabbli għal self għal **investiment kapitali** jew **working capital**;
  - Tiggarantixxi **self ta' bejn €2,500 u €100,000** mill-banek kummerċjali;
  - Tiggarantixxi sa' **90% tas-self**;
  - Min jikkwalifika jintalab iħallas **premium fuq ir-rati tal-interessi**.

- Titnieda r-raba' sejħa tal-**Fondi Reġjonali Ewropej**, b'total ta' **€8 miljun**, biex ngħinu lin-negozji jibdew ifittxu swieq barranin, jinvestu f'enerġija alternattiva u fl-e-business u jwettqu riċerka u innovazzjoni.

- Titjib ukoll ta' **żoni industrijali** li ma jaqgħux taħt responsabbilta' diretta tal-Gvern b'vot ta' **€550,000**.

# Xogħol, Intrapriża, Turiżmu

## Ħidma biex inġibu aktar turiżmu lejn pajjiżna

- Żieda oħra ta' €1 miljun fil-**baġit tal-MTA** li ser jitla għal **€36 miljun** sabiex tirreklama lill-pajjiżna, tivesti f'aktar rotot tal-ajru ġodda.

- Jitkompla x-**xogħol fuq numru ta' proġetti**, fosthom l-Aquarium fil-Qawra u l-Ġonna ta' Pembroke, b'investiment ta' **€4.2 miljun**.

- Investiment ta' **€4.2 miljun** f'**siti arkejoloġiċi** f'Malta u Għawdex.

- Allokazzjoni ta' **€10 miljuni biex** tkompli tingħata għajnuna għat-**titjib tal-proġetti turistiċi** minn operaturi privati u għall-marketing u l-kompetittivita' tagħhom.

- **€3.3 miljun** minn fondi tal-UE u lokali għall-**Kunsilli Lokali u NGOs** biex iwettqu numru ta' proġetti li jsebbħu d-dehra tal-lokalitajiet, li jinkludu diversi ċentri storiċi u ġonna pubbliċi.

# Xogħol, Intrapriża, Turiżmu

## Ħidma biex inġibu aktar turiżmu lejn pajjiżna

- Jibqgħu jitħaddmu skemi ta’ għajnuna għas-settur pubbliku sabiex:
    - jinġiebu konferenzi ġewwa Malta;
    - jingħata taħriġ fir-riżorsa umana;
    - soft loans għall-operaturi turistiċi.
- Vot ta **€20 miljun** sabiex insaħħu l-**vijabilità tal-Airmalta**, bl-ammont jiżdied fis-snin ta’ wara skont il-pjan ta’ ristrutturar.

# Xogħol, Intrapriża, Turiżmu

## Investiment fi programmi kulturali

- Vot ta' **€7.7 miljun** fil-**qasam kulturali** ta' pajjiżna, bil-għan li nesponu l-familji Maltin għal produzzjonijiet kulturali ta' kwalità, u jkun attirat wkoll turiżmu speċjalizzat. Fost l-oħrajn, ser jiġu organizzati:

  - Festival tal-arti għat-tfal;
  - Festival tal-mużika barokka;
  - Programm artistiku marbut mat-tejatru miftuħ fil-Belt Valletta;
  - Allokazzjoni akbar lil Orkestra Nazzjonali, lit-Teatru Manoel u l-Kunsill Malti tal-Arti u l-Kultura.

- Allokazzjoni ta' **€200,000** biex jibda l-proċess fejn il-**Mużew Nazzjonali tal-Arti** jimxi għall-Berġa tal-Italja fil-Belt Valletta.

# Xogħol, Intrapriża, Turiżmu

## L-ekonomija tal-kreattività

- Organizzazzjoni tal-**European Film Academy Awards** li se isservi sabiex **pajjiżna jkompli jiġi promoss** bħala lokalita li toffri vantaġġi għall-ġbid ta' produzzjonijiet, kif ukoll sabiex *service providers* lokali jkunu jistgħu jirreklamaw is-servizzi tagħhom.

- Fil-qasam tal-films tkompli l-ħidma biex nattiraw aktar produzzjonijiet lejn pajjiżna, filwaqt li ntejbu l-professjonaliżmu fis-settur lokali permezz ta' korsijiet, minbarra fond ta' **€250,000** sabiex jiġi **żviluppat is-settur lokali**.

- Inċentiv tal-**edukazzjoni kulturali** b'estensjoni tall-iskema ta' **tnaqqis fit-taxxa** għall-edukazzjoni sportiva għall-edukazzjoni kulturali (tnaqqis ta' €100 mid-dħul pagabbli għal spejjeż marbuta ma' korsijiet minn skejjel jew għalliema liċenzjati).

- **Eżenzjoni mill-ħlas ta' reġistrazzjoni** għal kumpaniji ġodda fis-**setturi kulturali u kreattivi** u eżenjoni mill-ħlas annwali tagħhom mal-MFSA għal 3 snin. Dan bl-għan li ngħinu lis-settur tal-kreattivita' jikseb status professjonali u attivita' regolari.

# Xogħol, Intrapriża, Turiżmu

## L-ekonomija tal-kreattività

- Tisħiħ tal-kompetittività' tagħna f'dawn l-oqsma fuq livell lokali u internazzjonali. Il-**benefiċċji fiskali** li ngħtaw fil-Baġit 2010, fejn royalties fuq il-patents ġew eżentati mit-taxxa, issa ser jiġu **estiżi biex ikopri xogħol protett** minn copyright fuq kotba, script ta' films, kant u arti.

- Fond ta' €40,000 għall-***Public Lending Rights*** biex b'hekk awturi u tradutturi ta' kotba bil-Malti jingħataw **kumpens xieraq** meta l-pubblikazzjonijiet tagħhom jissellfu minn libreriji pubbliċi.

- Inkabbru l-industrija tad-*Digital Gaming* bit-twaqqif tal-**Malta Games Fund** b'investiment ta' **€150,000**. Dan se jippermetti investiment fi proġetti marbuta ma' *digital games* u biex ninċentivaw professjonisti f'oqsma simili biex jikkunsidraw futur f'dan il-qasam.

- Kumpaniji lokali li jikkummisjonaw ***Digital Games*** **edukattivi** ser jingħataw **kreditu ta' taxxa** ta' 150% fuq l-ispiża, sa massimu ta' €15,000.

## L-ekonomija tal-kreattività

- Biex nattiraw lejn pajjizna aktar esperti f'dawn l-oqsma speċjalizzati ser nestendu l-iskema ta' **15% taxxa fuq id-dħul** bħala *flat rate* għall-**professjonisti internazzjonali speċjalizzati** fil-qasam tad-*Digital Games* bħal *Game Directors* u *Game Designers*.

- **Estensjoni tal-iskema CREATE** (tax credit sa massimu ta €25,000) imħaddma minn Malta Enterprise għaż-żona kollha tal-Belt Valletta biex ninkoraġġixxu aktar attivita' **kreattiva fil-Belt Kapitali tagħna**.

- Proġett pilota fil-Belt Valletta li permezz tiegħu ser **nittrasferixxu propjeta' magħżula tal-gvern** biex tiġi żviluppata bħala ***creative clusters*** minn gruppi artistiċi, intrapriżi kreattivi u individwi li jixtiequ jinvestu fi studios u workshops.

# Xogħol, Intrapriża, Turiżmu

## Ħarsien tal-konsumatur

- Vot ta' **€3.8 miljun** għall-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur.
- Titkompla l-ħidma sabiex **jiżdiedu** l-176 **mediċini li traħħsu** s'issa.
- Il-possibiltà li konsumaturi jiftu ***Class Action* ser tiġi estiża** għal intrapriżi, korpi kostitwiti u għaqdiet tal-konsumaturi reġistrati.
- **Għajnuna lill-konsumatur** sabiex jitħallsu l-ispejjeż involuti fil-każijiet quddiem it-Tribunal tal-Konsumatur għas-**servizzi tal-esperti** mqabbad mill-arbitru.

# Xogħol, Intrapriża, Turiżmu

## Investiment fl-integrazzjoni tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol

- Insostnu l-programmi ta' taħriġ tal-ETC, b'vot ta' **€10.8 miljun**, fosthom:
  - L-Employability Programme, li sas-sena d-dieħla, dan il-kors se jkun qed iħarreġ 32,500 persuna, €2.3 miljun;
  - Work Trial Scheme u l-Community Work Scheme;
  - Training Aid Programme, li jissussidja bejn 25% u 80% tal-ispejjeż ta' taħriġ u li għalih ser jiġi allokat €4.1 miljun.

# Xogħol, Intrapriża, Turiżmu

## Inħajru aktar nisa jidħlu fis-suq tax-xogħol

- Se nsostnu t-*tax credit* għan-**nisa li jirritornaw lura għax-xogħol** ma jħallsux taxxa għal sena – s'issa aktar minn 8,600 mara bbenefikaw minn dan l-inċentiv biex insaħħu l-parteċipazzjoni tan-nisa. Dawn frankaw aktar minn 10 miljun ewro f'taxxa.

- Ftuħ ta' 3 ***child care centres* ġodda**, b'allokazzjoni ta' **€1.3 miljun**.

- **Diskussjonijiet fl-MCESD** sabiex jiżdied il-**maternity leave** b'ġimagħtejn fl-2012 u b'ġimgħatejn oħra fl-2013, bl-spiża jġorra l-Gvern fil-forma ta' allowance ta' €160 fil-ġimgħa.

# Xogħol, Intrapriża, Turiżmu

## Income tax

- Il-mira tal-Gvern tibqa li titwettaq l-aħħar parti tal-**wegħda elettorali** dwar it-tnaqqis fl-***income tax***.

- B'din il-miżura huwa stmat li **d-dħul mill-*income tax***, fl-ewwel sena, kien **jonqos b'madwar €40 miljun**. Is-serjetà u r-responsabbiltà jiddettaw li fil-maltemp ta' bħalissa, **din il-miżura tagħmel ħsara u mhux ġid**.

- **Riforma** importanti fis-sistema tal-*income tax* sabiex is-suq tax-xogħol isir aktar **attraenti għall-ġenituri bit-tfal**.

- Minbarra d-**dikjarazzjoni tad-dħul** singola u konġunta, koppja miżżewġa ser tkun tista tgawdi minn "**komputazzjoni ġenitur**".

- **Tnaqqis fl-income tax** għal kull ġenitur li għandu l-kustidja tat-tfal.

# Xogħol, Intrapriża, Turiżmu

| Income tax | | | |
|---|---|---|---|
| Rata | Komputazzjoni Singola | Komputazzjoni Konġunta | Komputazzjoni Ġenitur |
| 0% | 0 - 8,500 | 0 - 11,900 | 0 - 9,300 |
| 15% | 8,501 - 14,500 | 11,901 - 21,200 | 9,301 - 15,800 |
| 25% | 14,501 - 19,500 | 21,201 - 28,700 | 15,801 - 21,200 |
| 35% | 19,501 + | 28,701 + | 21,201 + |

# Xogħol, Intrapriża, Turiżmu

## Income tax

| Dħul Individwali | Ħlas ta' Taxxa Preżenti (Komputazzjoni Singola) | Ħlas ta' Taxxa Jan 2012 (Komputazzjoni Ġenitur) | Differenza fit-Taxxa għal kull persuna |
|---:|---:|---:|---:|
| 9,000.00 | 75.00 | - | - 75.00 |
| 9,250.00 | 112.50 | - | - 112.50 |
| 9,300.00 | 120.00 | - | - 120.00 |
| 9,500.00 | 150.00 | 30.00 | - 120.00 |
| 10,000.00 | 225.00 | 105.00 | - 120.00 |
| 12,500.00 | 600.00 | 480.00 | - 120.00 |
| 15,000.00 | 1,025.10 | 855.00 | - 170.10 |
| 17,500.00 | 1,650.10 | 1,400.10 | - 250.00 |
| 20,000.00 | 2,324.60 | 2,025.10 | - 299.50 |
| 21,200.00 | 2,744.60 | 2,324.60 | - 420.00 |

**Dan it-tnaqqis fl-*income tax* jgħodd għal kull ġenitur li għandu l-kustidja tat-tfal:**

- Koppji miżżewġa;
- Romol;
- *Single parent;*
- Persuni separati jew divorzjati li għandhom il-kustodja tat-tfal jew iħallsu l-manteniment.

# Xogħol, Intrapriża, Turiżmu

## Miżuri fiskali

- Introduzzjoni ta' emendi dwar it-**taxxa fuq ix-xogħol *part-time*** biex **jitneħħew anomaliji** li kienu qed jolqtu xi pensjonanti u ħaddiema tal-Gvern.
- Dawk il-**pensjonanti** li jagħmlu xogħol *part-time* mal-Gvern ser ikunu jistgħu **igawdu minn rata ta' taxxa ta' 15%** fuq dak ix-xogħol.
- Id-definizzjoni ta' "same employer" fil-każ tas-settur pubbliku ser titwessa sabiex l-**entitajiet fi ħdan il-Gvern** ser jibdew jitqiesu bħala separati. Dan ser iwassal biex aktar **ħaddiema jibbenefikaw mir-rata ta' 15%** fuq xogħol *part-time*.
- **Estensjoni tad-*deadline*** għall-**ħlas tal-15%** fuq xogħol *part-time* mill-15 ta' Frar għat-30 ta' Ġunju sabiex jingħata aktar żmien lil dak li jkun li jirregola ruħu.
- Tkomplija tal-proċess ta' **amalgamazzjoni tad-dipartimenti tat-taxxa**.
- **Skema limitata fiż-żmien** sabiex min waqa lura fil-**ħlasijiet tal-VAT** jirregolarizza ruħu.

# Xogħol, Intrapriża, Turiżmu

## Miżuri fiskali

- Ir-rata ta' dazju fuq fjuwil għall-*bunkering* tal-vapuri barra ibħra nazzjonali tiżdied għal €5 kull tunellata. Dan ma jaffettwax il-prezz tal-fjuwil ġewwa pajjiżna.
- Ir-rata ta' dazju fuq is-siment tiżdied bi €5 kull tunellata.
- Ir-rata tas-sisa minima fuq is-sigaretti titla b'5.8% fuq pakkett ta' 20 sigarett.
- Ir-rata tas-sisa fuq prodotti oħrajn tat-tabakk tidied b'8.5%.
- Is-sisa fuq it-telefonija ċellulari tibqa l-istess iżda tinħadem fuq il-volum minflok it-tariffa.

# Programm estensiv t'investiment fl-ambjent ta' pajjiżna

## Investiment fit-toroq

- Ikompli x-**xogħol fuq toroq arterjali**, li huma parti mit-toroq tat-TEN-T, b'investiment li jitla' għal kważi **€50 miljun**, li jinkludu:

  - Xatt l-Għassara ta' l-Għeneb fil-Marsa;
  - Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa u Triq Garibaldi f'Ħal Luqa;
  - Triq il-Marfa fil-Mellieħa;
  - It-triq li mix-Xewkija twassal sar-Rabat f'Għawdex;
  - L-*underpass* ta' Triq Diċembru Tlettax u fil-Bypass ta' Pennellu fil-Mellieħa.

- Ikomplu x-**xogħolijiet fuq 140 triq residenzjali**, b'investiment ta' **€7 miljun**.

- Aktar toroq ġodda fil-lokalitajiet tagħna b'vot ta' **€1.4 miljun mill-Kunsilli Lokali** għas-sistema tal-**public-private partnership**.

- Tkompli r-riforma fis-settur tat-**trasport pubbliku** sabiex dan jilħaq il-**livell li jixraqlu l-poplu Malti**.

# Programm estensiv t'investiment fl-ambjent ta' pajjiżna

## Inkomplu ninċentivaw vetturi privati aktar nodfa fit-toroq tagħna

- Riklassifikazzjoni tas-sistema tat-**tassazzjoni fuq il-vetturi** biex ikun hemm **il-klassifikazzjoni skond il-Euro Standard**.

- Biex niskoraġġixxu l-**vetturi *second hand* l-aktar antiki** vetturi Euro 1 sa Euro 3 ser **togħla t-taxxa ta' registrazzjoni**.

- **Scrappage scheme** għal 3,000 karozza oħra sabiex dan jinċentiva x-xiri ta' **vetturi aktar ġodda**.

- Skema sabiex arretrati fil-**ħlasijiet ta' liċenzi** tal-vetturi jiġu **regolarizzati**.

# Programm estensiv t'investiment fl-ambjent ta' pajjiżna

## Investiment f'sistemi ta' ġenerazzjoni tal-elettriku aktar nodfa

- Il-prezz li biħ qed jinxtara ż-żejt mill-Korporazzjoni Enemalta, għall-2012 mhux anqas minn 99 dollaru l-barmil, jew żieda ta' 30% fuq il-prezz taż-żejt li fuqhom inħadmu t-tariffi tal-lum.

- Is-sena d-dieħla tibda **topera l-estensjoni tal-Power Station f'Delimara**, li qed issir **b'investiment ta' €183 miljun**, b'anqas konsum ta' fuel biex tipproduċi l-istess livell ta' elettriku. Se **jiġu ffrankati €20 miljun** fi fuel, u dan se jgħaddi kollu għand il-konsumatur u t-tariffi jistgħu jibqgħu fil-livell tal-lum.

- Ikompli x-**xogħol f'interconnector** li jgħaqqad li Malta mal-grid Ewropew tal-enerġija, b'**investiment ta' €150 miljun**. Dan se jippermetti l-pajjiż inaqqas id-dipendenza fuq iż-żejt.

- Qed nikkunsidraw **pjan ta' investiment** f'infrastruttura ta' **pipeline li jwassal gass naturali** lejn Malta minn-network Ewropew, b'kofinanzjament mill-UE.

# Programm estensiv t'investiment fl-ambjent ta' pajjiżna

## Investiment f'sistemi ta' ġenerazzjoni tal-elettriku aktar nodfa

- Tkompli l-**iskema ta' għajnuna** għall-familji li jinvestu f'**solar water heaters** li jingħataw għotja ta' €400.

- **Skema** oħra għal min irid jinvesti f'**insulazzjoni tas-soqfa u aperturi tad-djar**. Għotja ta' 15.25% sa massimu ta' €1,000.

# Programm estensiv t'investiment fl-ambjent ta' pajjiżna

## Investiment akbar fl-ibliet u l-irħula tagħna

- Tiżdied l-allokazzjoni għall-**Kunsilli Lokali** minn €29.1 miljun għal **€32 miljun**.

- Investiment ta' **€7 miljun** biex nagħtu aktar **spazji lin-nies**:
  - Ġnien ġdid f'Baħar iċ-Ċaqgħaq;
  - Ċentru Ċiviku ġdid fis-Swieqi;
  - Tkomplija tal-proġett tal-Golden Mile.

- **Xogħolijiet ta' tisbieħ** f'Baċir Numru Wieħed ġewwa Bormla, bħala parti mill-programm Stronger Cottonera Communities, b'vot totali ta' **€9.6 miljun**.

- **Ikompli x-xogħol fit-tempji** tal-Ġgantija, Nature Trails fil-park ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra, restawr tal-Palazz tal-Inkwiżitur, xogħolijiet fuq it-Torri tal-Arloġġ u fil-Mużew Marittimu, u **xogħol ta' konservazzjoni** fil-Palazz tal-Verdala u dak ta' San Anton.

- Jibda x-xogħol fuq **numru ta' proġetti oħra**, fosthom fil-Forti Sant'Anġlu, fl-Ipoġew, Katakombi ta' San Pawl, ta' Bistra u ta' Santu Wistin fir-Rabat.

- Tkomplija tal-proġett  ta' **restawr tas-swar** b'investiment ta' **€36 miljun**.

# Programm estensiv t'investiment fl-ambjent ta' pajjiżna

## Il-Belt Valletta

- Jitkompla x-xogħol fuq il-proġett li se jagħti **dehra ġdida lill-Belt**, bil-bini tal-Parlament il-ġdid, is-sit tat-Teatru Rjal u l-pjazza l-ġdida maġend il-pjazza ta' Santa Katerina, b'investiment ta' **€80 miljun**.

- Ikompli x-xogħol ta' **pavimentar tat-toroq** taċ-ċentru tal-Belt Valletta b'investiment ta' **€2 miljun**.

- Ikompli x-xogħol fuq **Biagio Steps** li ser iservi ta' **ċentru interattiv dwar il-fortifikazzjonijiet** ta' pajjiżna.

- **Restawr tal-Palazz tal-Gran Mastru**, b'allokazzjoni ta' **€400,000**.

- Ikomplu t-tħejjijiet sabiex Malta tospita l-**Belt Kulturali Kapitali Ewropea** fl-2018 b'vot ta' **€250, 000**.

# Programm estensiv t'investiment fl-ambjent ta' pajjiżna

## Restawr u rinnovazzjoni ta' propjetajiet skedati

- **Inċentivi** marbuta ma' **xogħolijiet ta' restawr u konservazzjoni** fuq bini skedat fil-gradi 1 u 2 kif ukoll propjetajiet UCAs:

  - Eżenzjoni tal-boll fuq id-dokumenti f'każ ta' trasferiment bejn eredi, sal-31 ta' Diċembru 2013, biex ikun faċilitat il-konsolidament tal-*ownership* tal-proprjeta;
  - Skema għal persuni privati li jixtiequ jirrestawraw il-proprjeta' tagħhom fejn se tingħata rifużjoni ta' 20% fuq l-ispejjeż ta' restawr ta' post sa massimu ta' €5,000.

- **Inċentiv** għal persuni jew kumpaniji li **jinvestu fir-restawr**:
  - Final witholding tax ta' 10% fuq dħul minn kera ta' proprjeta' għal skop residenzjali u 15% għal skop kummerċjali;
  - Fil-każ ta' bejgħ, *final witholding tax* ta' 10% ħlas ta' 30% taxxa fuq il-qligħ flok 35% .

- **Appoġġ lil intrapriżi biex jirrestawraw** proprjeta' għal skop kummerċjali tal-kumpanija, **20% tax credit** fuq in-nefqa li tikkwalifika . Din titla' għal 30% fil-każ ta' proprjetajiet skedati Grade 1 u 2.

# Programm estensiv t'investiment fl-ambjent ta' pajjiżna

## Investiment fl-infrastruttura marittima

- Investiment ta' **€27.3 miljun** fi proġetti fl-infrastruttura marittima:
  - Jerġa' jinbena l-lift mix-Xatt ta' Lascaris sal-Barrakka ta' Fuq;
  - Tkomplija tax-xogħol ta' tiswija fuq il-breakwater ta' Marsaxlokk u tax-xogħol ta' tħejjija fuq id-Deep Water Quay tal-Port il-Kbir.

- Ikompli x-xogħol fuq it-**terminal tal-passiġġieri fiċ-Ċirkewwa**, filwaqt li qed isiru l-pedamenti għat-torq interni ta' madwar it-terminal, b'investiment totali ta' **€12 miljun**.

# Għawdex

## Proġetti

- Allokazzjoni ta' **€4 miljun** biex inkomplu nimplimentaw il-proġetti marbuta mal-**Viżjoni Eko-Għawdex**. Dawn jinkludu proġetti ta' restawr ekoloġiku, immaniġġjar tal-ilma u l-iskart u proġetti marbuta mal-enerġija li tiġġedded.

- Għawdex se jibqa' jkollu allokazzjoni finanzjarja ta' **€500,000** għal **promozzjoni distinta** tiegħu mal-pubbliku ġenerali u fi **swieq speċifiċi** bħal tal-*cruise liners* u tad-*diving*.

- Se **nsostnu** l-programmi li jgħinu lill-**Għawdxin isibu impjieg**, bħall-Employment Aid, Training Aid u MicroInvest.

- Tiżdied għal **€700,000** l-*allowance* għal **studenti Għawdxin jistudjaw f'Malta**. Din se tinġieb fl-istess livell, irrispettivament jekk hux student li jattendi l-Università, l-MCAST jew l-ITS.

- Aktar **investiment fl-edukazzjoni**, bil-bini ta' language lab fl-Iskola Ninu Cremona. Vot ta' **€320,000 għall-iskejjel Għawdxin**.

# Għawdex

## Proġetti

- **Manutenzjoni** ta' toroq f'diversi nħawi u jibdew l-**estensjonijiet** fit-Toroq ta' Pinu u tax-Xlendi b'investiment ta' **€1.5 miljun**.

- **Ikomplu l-istudji** dwar il-possibilità ta' **mina bejn Għawdex u Malta** li għandhom iwasslu biex sa' l-aħħar tat-2012 ikollna stampa ċara tal-possibilitajiet li jistgħu jiġu kkunsidrati.

# Edukazzjoni

## Edukazzjoni obbligatorja

- **Żieda** fl-allokazzjoni għas-settur tal-edukazzjoni għal **€23 miljun**.

- Ikompli l-**bini tal-iskola sekondarja** tal-Bniet fil-**Ħandaq**. L-istudenti mistenna jidħlu fiha fis-sena skolastika li jmiss.

- Wara li jinħarġu l-permessi, jibda l-bini ta' **skola sekondarja** ġdida f'Ħal-Kirkop u **faċilitajiet sportivi** f'Santa Venera, b'investiment ta' **€9 miljun**.

- Ikomplu proġetti ta' **tisbiħ u manutenzjoni** fuq **skejjel eżistenti** bħall-Primarja ta' Wied il-Għajn, Sekondarja Bniet fil-Mosta u tas-Subien fin-Naxxar.

- Allokazzjoni ta' **€45.2 miljun** biex jitmexxew l-**Iskejjel tal-Knisja** u titkompla r-riforma edukattiv.

# Edukazzjoni

## Skejjel indipendenti

- **Żieda tal-għajnuna** lill-ġenituri li jibgħatu t-tfal fi skola privata b'**estensjoni tat-*tax credit* tal-ġenituri** , li se tiswa €600,000. Din l-għajnuna se titla':
  - Minn €1,200 sa €1,300 fil-livell ta' *daycare*, *reception* u *kindergarten*;
  - Minn €1,200 sa €1,600 fil-livell ta' primarja;
  - Minn €1,600 sa €2,300 fil-livell ta' sekondarja
- **Għajnuna akbar lill-iskejjel indipendenti** bil-fond għal dawk li għadhom bżonn learning support assistant jitla għal **€400,000**.
- Twaqqif ta' **fond ta' €1 miljun** bl-għan li nassiguraw is-sostenibbilta' ta' l-**iskejjel indipendenti,** skont il-livell u l-ammont ta' studenti (kinder garten €95, primarja €145 u sekondarja €170) u japplika għal:
  - Programmi relati ma' kura speċjali tal-istudenti;
  - Investiment fis-software u liċenzji tal-IT;
  - Titjib fil-faċilitajiet tax-xjenza u tal-isport;
  - Fl-iżvilupp profesjsonali tal-għalliema.

# Edukazzjoni

## Edukazzjoni avvanzata u ogħla

- Aktar studenti jgawdu minn **boroż ta' studju** li jammontaw għal **€900,000**.
- Ikompli l-bini tal-fakulta' ġdida tal-**ICT** u l-faċilitajiet ta' **Health Biotechnology** b'investiment ta' **€7.2 miljun**.
- Qed jiġi eżaminat il-possibilta' li l-**Universita' l-Qadima** tiġi trasformata f'Campus ieħor bħala **ċentru kulturali** u International Graduate School.
- **Investiment** ta' **€58.2 miljun** fl-Universita' u l-Junior College
- Żieda fl-**allokazzjoni tal-MCAST** għal **€15.4 miljun** biex tkompli ttejjeb il-kwalita' ta' taħriġ vokazzjonali permezz ta' aktar korsijiet.
- Ikompli l-bini tal-**Campus ġdid tal-MCAST** f'Kordin, b'investiment ta' **€120 miljun**.
- Proġett ta' **integrazzjoni tal-e-learning** ma' lezzjonijiet tradizzjonali u sezzjonijiet pratttiċi filwaqt li jagħti taħriġ f'ħiliet bażiċi, b'investiment ta' **€1.5 miljun**.

# Edukazzjoni

## Żgħażagħ u sport

- Għajnuna finanzjarja għat-tagħlim tal-mużika liż-żgħażagħ fil-**każini tal-baned**, b'allokazzjoni ta' **€100,000**.
- Titkompla l-Iskema **Turiżmu Sportiv**, b'allokazzjoni ta' **€350,000** bl-għan li nibnu fuq din is-sena fejn hu mistenni li jkunu qattgħu f'Malta madwar 70,000 lejl b'din l-Iskema.
- Ftuħ ta' **Kumpless Sportiv** ġdid f'**Ħal-Kirkop** li se jitgawda min mijiet ta' tfal, studenti u atleti lokali.
- Twaqqif ta' **skola sekondarja speċjalizzata fl-isport**. Filwaqt li l-istudenti jingħataw taħriġ akkademiku jingħataw ukoll taħriġ fid-dixxiplina sportiva. Allokazzjoni ta' **€100,000** biex jibda dan il-proġett.
- Dħul ta' skema ta' **rifużjoni ta' 15.25%** fuq xiri ta' **apparat ta' *fitness*** għall-użu fir-residenzi privati.
- Vot ta' **€120,000** għal ***scholarships* fil-qasam sportiv**.
- Assistenza għall-iżvilupp ta' **track adegwata għall-motorsports**.

# Il-familja u l-qasam soċjali

## Protezzjoni soċjali

- Investiment ta' **€1,020 miljun** fil-qasam soċjali, b'allokazzjoni ta' **€750.4 miljun** għal benefiċċji soċjali.
- Żieda fir-rata minima taċ-***Children's Allowance*** minn €250 għal €350 għal kull tifel u tifla, b'**investiment €2.8 miljun** għal 18,000 tifel u tifla.
- Tneħħija ta' **liċenza tat-televiżjoni**.
- **112,000 benefiċjarju** li jirċievu xi għajnuniet fosthom dik supplimentari, il-**benefiċċju ta-enerġija u l-karta r-roża** qed jiżdiedilhom il-benefiċċju bl-ammont tal-COLA.
- Tissokta l-ħidma tad-**Dipartiment għall-Frodi u Investigazzjoni dwar Benefiċċji**, li mit-twaqqif tiegħu sab aktar minn 4340 każ ta' abbuż li **ffranka lill-pajjiżna €21.2 miljun**, li issa jistgħu jiġu investiti fuq min għandu bżonn.

# Il-familja u l-qasam soċjali

## Protezzjoni soċjali

- Jiżdied il-**Vot għall-Fond tal-Volontarjat**, b'rikonoxximent għal ħidma dedikata ta' diversi għaqdiet involuti fil-komunitajiet tagħna.

- Romol li baqgħu ntitolati għar-rata fissa ta' **pensjoni tar-romol**, jibqgħu igawdu minn din il-pensjoni **anke wara 5 snin li jerġgħu jiżżewġu**.

# Il-familja u l-qasam soċjali

## Il-qasam tal-persuni b'diżabilità

- Persuni b'diżabilita' li jirċievu **pensjoni tad-diżabilità severa** se jkunu jistgħu jaħdmu u jaqilgħu sal-paga minima bla **ma jitilfu xejn** mill-pensjoni tagħhom.
- **Persuna b'diżabilita' severa** li tiżżewweġ **ma titlifx il-pensjoni** minħabba d-dħul tal-mara jew tar-raġel (dan l-inċentiv bħalissa jgħodd għall-ewwel ħames snin biss).
- Allokazzjoni lill-**Aġenzija SAPPORT** biex tiftaħ **servizz ġdid f'Pembroke**, fejn persuni b'diżabilita' jingħataw taħriġ u esperjenzi ta' xogħol.
- Tkompli l-**għajnuna għal djar residenzjali** bħal Dar Pirotta, Dar il-Wens u Dar l-Arka
- Vot ta' **€400,000** biex ngħinu lill-persuni b'diżabilita' severa jkollhom is-**sapport bżonnjuż** biex ma jiġux istituzzjonalizzati.

# Il-familja u l-qasam soċjali

## Il-qasam tad-djar

- Insostnu l-**għajnuniet** għal persuni li jixtru **l-ewwel dar** tagħhom, kif ukoll għall-bini, irranġar u tkomplija tal-ewwel resididenza.

- L-Awtorita' tad-Djar tagħti **sussidju fuq il-kera** lil min jikri mill-privat u għandha skemi mmirati għall-ewwel xerrejja.  L-Awtorita' tindirizza wkoll id-domanda ta' dawk li għandhom bżonn post alternattiv bil-kera mingħand il-Gvern.

- Sidien ta' djar jistgħu jirreġistraw mal-Awtorita' tad-Djar propjetajiet li jkunu jistgħu jiġu mikrija għal **skopijiet soċjali**.  Il-kirjiet reġistrati taħt din l-iskema jibbenefikaw minn **rata preferenzjali ta' 10%**.

- **Skema Sid ta' Darek**: id-Dipartiment tal-Artijiet jikkapitalizza l-kera ta' akkwist ("acquisition rent") li ilha titħallas, għal dawn l-aħħar għexieren ta' snin, ta' madwar 2,800 residenza fil-Belt u fil-Kottonera li kellhom d-dar tagħhom esproprjata fis-snin ħamsin. 2,800 familja tista' ssir sid ta' darha.

# L-aħjar servizz tas-saħħa għal kullħadd

## Is-saħħa

- Aktar **servizzi tas-saħħa** jibqgħu jingħataw lill-familji Maltin, **mingħajr ħlas**. Biex ilaħħaq mat-talba, speċjalment f'operazzjonijiet bħal tal-kataretti u l-PET Scans, il-Gvern qed juża sptarijiet privati, u b'hekk jitnaqqsu l-waiting lists.
- Jitkompla x-xogħol fuq ic-**Ċentru tal-Onkoloġija** b'investiment ta' **€59.6 miljun**.
- **Colorectal Screening** li tibni fuq is-suċċess tal-programm tal-Breast Screening.
- Tisħiħ u espansjoni tal-**Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek**.
- Ikompli x-**xogħol ta' modernizzar** ta' numru ta' **ċentri tas-saħħa** madwar Malta u Għawdex.

# L-aħjar servizz tas-saħħa għal kullħadd

## Saħħa mentali

- **Estensjoni tal-kura fil-komunita**’ b’*day care centre* ieħor fil-Gżira. Hemm il-ħsieb li dan is-servizz jiġi estiħ fil-Mosta, fir-Rabat u Birkirkara.
- Ikomplu jiġu **allokati numru ta’ flats** għal skema ta’ ***supportive housing***. Fi flats bħal dawn joqgħodu numru ta’ pazjenti li jistgħu joħorġu mill-Isptar Monte Carmeli u m’għandhomx fejn joqgħodu.
- **Insaħħu** s-servizz tal-***Crisis Intervention Team***, li jintervjeni f’każijiet ta’ problemi marbuta mas-saħħa mentali.
- **Servizz ġdid** immirat għal **adoloxxenti** bi problemi ta’ saħħa mentali.

# L-aħjar servizz tas-saħħa għal kullħadd

## Anzjani

- **Għotja ġdida** ta' **€300 fis-sena** lill-anzjani li għandhom 'il fuq minn 80 sena u li jgħixu fi djarhom b'mod indipendenti. Din l-għotja ser tiswa €3.5 miljun u minnha ser igawdu 12,000 anzjan.

- Terġa' tingħata **żieda sħiħa** tal-**għoli tal-ħajja** lill-pensjonanti.

- Dawn l-anzjani se jirċievu aktar minn **€10 fil-ġimgħa aktar**, b'din l-inizjattiva u ż-żieda sħiħa tal-għoli tal-ħajja.

- **Ħelsien mit-taxxa** għall-familjari ta' anzjani li jgħixu fid-djar tal-anzjani privati. L-eżenjoni mit-taxxa għal dan il-għan se nziduha b' €500 fis-sena għal **€2,500 fis-sena**. Din il-miżura se tapplika wkoll meta l-ispiża jagħmluha l-anzjani nfushom

- Inkomplu nindirizzaw l-anomalija li teżisti fil-**pensjonijiet tas-servizz**, fejn se **jitnaqqsu €200** oħra għal din is-sena, bi spiża ta' €1 miljun.

## Anzjani

- **Titneħħa l-VAT** fuq servizzi ta' ***private nursing*** u ***home help*** offruti mis-settur privat lil anzjani.
- Ikompli x-xogħol biex l-**Isptar Zammit Clapp** jinbidel f'***nursing home*** għal 112-il resident, b'investiment ta' €1.7 miljun.
- **Xogħol ta' tisbiħ** fi swali oħra tar-**Residenza San Vincenz de Paule**.
- Ġiet identifikata art f'**Birkirkara** biex tinbena **dar tal-anzjani** ġdida.
- Ftuħ ta' 2 **ċentri ġodda ta' Matul il-Jum**.

# L-aħjar servizz tas-saħħa għal kullħadd

## Il-kura tad-dimenzja

- Blokk ġdid f'**San Vinċenz de Paule** bi swali *dementia-friendly*.
- Strateġija Nazzjonali dwar id-Dimenzja.
- **Taħriġ għal ħaddiema** u carers li jaħdmu f'dan il-qasam.
- Day Respite għall-pazjenti mill-komunita' li jbatu mid-dimenzja.
- Servizz mill-memory clinic tal-Karen Grech.
- Helpline għall-pubbliku.